# 109. Fuq ix-xtajta

Il-baħar ma jidhirx, lanqas is-sema;
is-sħab mudlam tax-xitwa kesa kollox
fid-dlam tax-Xejn.

Qed nara bħall-Ħallieq
id-dlam tax-Xejn
qabel id-Dawl …
Qed nisma’ karba kbira kbira
tal-eżistenza
tal-miljuni tal-mewġ
li bħall-miljuni tal-ġnus fid-dlam tas-siegħa
jokorbu jokorbu jokorbu …

Dlam dlam dlam
krib krib krib,
kruha tax-xejn,
biki tal-eżistenza …

Berqa kbira
tikxef biċċa smewwiet ħodor u sofor,
u sħab ħamrani,
u bastiment sejjer ifittex triqtu
mimli bit-tama …